L-Iskeda Informattiva

# Ilmenti taħt l-Att Dwar id-Diskriminazzjoni Razzjali

## X'inhu l-Att dwar id-Diskriminazzjoni Razzjali?

L-*Att dwar id-Diskriminazzjoni Razzjali tas-sena 1975 (Cth) (l-ADR)* jagħmilha illegali li int tkun stmat inġutament minħabba r-razza, il-kulur, id-dixxendenza, l-oriġini nazzjonali jew etnika jew l-istatus tiegħek ta' immigrant.

Dan jagħmel ukoll illegali l-mibgħeda razzjali.

## Meta tista' tintuża din il-liġi?

Tista' tuża l-ADR biex tikseb trattament fier f'ħafna oqsma tal-ħajja pubblika:

- **Impjieg** – tikseb impjieg, termini u kundizzjonijiet tax-xogħol, taħriġ, promozzjoni, tkeċċija.
- **Edukazzjoni** – tinkiteb jew tistudja fi skola privata jew pubblika, kulleġġ jew università.
- **Akkomodazzjoni** – kiri jew xiri ta' dar jew unit.
- **Ksib jew l-użu ta' servizzi** - bħal servizzi bankarji jew tal-assigurazzjoni, servizzi pprovduti minn dipartimenti tal-gvern, servizzi ta' trasport jew tat-telekomunikazzjoni, servizzi professjonali bħal dawk ipprovduti minn avukati, tobba jew ħaddiema tas-sengħa, servizzi pprovduti minn ristoranti, ħwienet jew postijiet tad-divertiment.
- **Aċċess għal postijiet pubbliċi** - bħal parks, uffiċċji tal-gvern, ristoranti, lukandi jew ċentri kummerċjali.

## X'inhi diskriminazzjoni razzjali?

Id-diskriminazzjoni razzjali sseħħ meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn persuna oħra f'sitwazzjoni simili minħabba r-razza, il-kulur, id-dixxendenza, l-oriġini nazzjonali jew etnika jew l-istatus ta' immigrant tagħha. Pereżempju, tkun "diskriminazzjoni diretta" jekk aġent ta' propjetà immobbli jirrifjuta li jikri dar lil persuna minħabba  l-isfond razzjali partikolari jew il-kulur tal-ġilda.

Id-diskriminazzjoni razzjali sseħħ ukoll meta hemm regola jew politika li hija l-istess għal kulħadd iżda għandha effett inġust fuq nies ta' razza, kulur, dixxendenza, oriġini nazzjonali jew etnika jew status ta' immigrant. Din tissejjaħ "diskriminazzjoni indiretta". Pereżempju, tista' tkun diskriminazzjoni indiretta jekk kumpanija tgħid li l-impjegati m'għandhomx jilbsu

kpiepel jew ħwejjeġ oħra fuq ir-ras fuq il-post tax-xogħol, minħabba li dan x'aktarx ikollu effett inġust fuq nies minn xi sfondi razzjali / etniċi.

## X'inhi l-mibegħda razzjali?

Huwa kontra l-liġi li tagħmel xi ħaġa fil-pubbliku abbażi tar-razza, il-kulur, l-oriġini nazzjonali jew etnika ta' persuna jew grupp ta' nies li x'aktarx **joffendi**, **jinsulta**, **jumilja** jew jintimida.

Eżempji ta' mibegħda razzjali jistgħu jinkludu:

- materjal razzjali offensiv fuq l-internet, inklużi forums elettroniċi, blogs, siti tan-netwerking soċjali u siti ta' qsim ta' vidjow
- kummenti jew stampi razzjali offensivi f'pubblikazzjonijiet bħal gazzetti, fuljetti ta' magażins jew rivisti
- diskorsi razzjali offensivi waqt manifestazzjoni pubblika
- kummenti razzjali abbużivi f'post pubbliku, bħal ħanut, post tax-xogħol, park, fuq trasport pubbliku jew fl-iskola
- kummenti razzjali abbużivi f'avvenimenti sportivi minn plejers, spettaturi, kowċis jew uffiċjali.

## Meta tkun imġiba offensiva bbażata fuq ir-razza imma mhux kontra l-liġi?

L-ADR għandha l-għan li tibbilanċja d-dritt li tikkomunika liberament ('libertà tal-kelma') u d-dritt li tgħix ħielsa mill-mibegħda razzjali. L-ADR tgħid li l-affarijiet li ġejjin mhumiex kontra l-liġi jekk isiru "**b'mod raġonevoli u b'rieda tajba**" f ':

- **xogħol jew prestazzjoni artistika** - pereżempju, dramm li fih karattru jesmprimi attitudnijiet razzjalment offensivi.
- **dikjarazzjoni**, **pubblikazzjoni**, **diskussjoni jew dibattitu magħmula għal skopijiet akkademiċi jew xjentifiċi ġenwini** - pereżempju, diskussjoni u dibattitu dwar politika pubblika bħall-immigrazzjoni, il-multikulturaliżmu jew miżuri speċjali għal gruppi partikolari.
- **li tagħmel rapport ġust u preċiż fuq kwistjoni ta' interess pubbliku** - pereżempju, rapport ġust f'gazzetta dwar imġieba offensiva razzjalment.
- **tagħmel kumment ġust**, jekk il-kumment huwa espressjoni tat-twemmin ġenwin ta' persuna.

## X'nista 'nagħmel jekk inġarrab diskriminazzjoni jew mibegħda razzjali?

Jista' jkun li tkun trid tqajjemha direttament mal-persuna jew in-nies involuti.

Jekk dan ma jsolvihiex, jew ma tħossokx komdu tagħmel dan, tista' tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Awstraljana għad-Drittijiet tal-Bniedem. Tista' wkoll ikollok lil xi ħadd bħal avukat, persuna li titkellem għalik jew trejdjunjin li jilmentaw f'ismek.

M'int ser tħallas xejn jekk tilmenta lill-Kummissjoni.

L-ilment tiegħek għandu jkun bil-miktub. Il-Kummissjoni għandha formola għall-ilment li tista' timla u tibgħat bil-posta jew tiffaksjahielna jew tista' tressaq ilment onlajn fil-websajt tagħna. Jekk m'intix kapaċi tagħmel l-ilment tiegħek bil-miktub, aħna nistgħu ngħinuk.

Sabiex l-ilment tiegħek ikun validu għandu jkun raġonevolment argumentabbli li l-avvenimenti li trid tressaq ilment dwarhom huma diskriminazzjoni illegali u trid tagħti biżżejjed dettalji dwar l-allegazzjonijiet tiegħek inkluż dak li ġara, meta u fejn ġara u min kien involut.

Ilment jista' jsir fi kwalunkwe lingwa. Jekk teħtieġ traduttur jew interpretu, nistgħu nirranġaw dan.

## Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

Id-dettalji tal-kuntatt tal-Kummissjoni Awstraljana għad-Drittijiet tal-Bniedem huma:

**Telefown**
Servizz Nazzjonali tal-Informazzjoni: 1300 656 419 jew (02) 9284 9888
TTY: 1800 620 241 (telefonata bla ħlas)
Fax: (02) 9284 9611

**Posta**

GPO Box 5218
Sydney NSW 2001

**Onlajn**
Imejl: infoservice@humanrights.gov.au
Websajt: www.humanrights.gov.au

Tista' tagħmel ilment onlajn
www.humanrights.gov.au/complaints_information/online_form/index.html.

Jekk inti trux jew tbati minn nuqqas ta' smigħ tista' tikkuntattjana permezz ta' TTY fuq 1800 620 241. Jekk int għandek bżonn interpretu Auslan nistgħu nirranġaw dan għan-nom tiegħek.

Jekk int għami jew għandek impediment tal-vista, nistgħu nipprovdu informazzjoni f'formati alternattivi jekk trid.

### Punti ta' kuntatt oħra għal ilmenti ta' mibegħda razzjali

Jekk inti imħasseb dwar stejjer tal-midja offensivi, xandiriet jew kontenut onlajn, tista' tilmenta għand l-Awtorità Awstraljana għall-Komunikazzjonijiet u l-Midja (AAKM); il-Bord tal-Istandards tar-Reklamar għar-riklami; jew il-Kunsill tal-Istampa Awstraljan għal stejjer tal-gazzetti. Tista' wkoll tilmenta lill-Editur jew lill-Maniġer tal-organizzazzjoni tal-midja.

Jekk inti imħasseb dwar imġieba offensiva mill-ġirien, tista' tavviċina Ċentru tal-Ġustizzja tal-Komunità biex jgħinek issolvi l-problema, jew lid-Dipartiment tad-Djar jekk tgħix fi djar pubbliċi.

April 2020

**Jekk tkun mhedded bi vjolenza jew attakkat b'mod vjolenti mur għand il-pulizija.**

## Parir legali ġenerali

Jekk qed taħseb biex tagħmel ilment, għandek mnejn tkun trid tikseb parir legali jew tikkuntattja lit-trade union tiegħek. Is-servizzi legali Komunitarji jistgħu jipprovdu pariri bla ħlas dwar diskriminazzjoni u fastidju. Id-dettalji tal-kuntatt tal-eqreb ċentru legali tiegħek tal-komunità jinsabu fuq www.naclc.org.au/directory.

**Ċaħda: L-għan tat-tagħrif fuq din l-iskeda tal-informazzjoni hu biss biex iservi ta' gwida: Mhux sostitut għal parir legali.**